**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** minn **JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (2)

Ftit tal-jiem ilu bdejna sensiela ta' artikli dwar l-istorja tat-tiġrijiet tad-dgħajjes fil-portijiet Maltin. Din is-sensiela hi mfassla fuq l-intervisti li jien għamilt lil numru sabiħ ta' qaddiefa u ħabrieka oħra li xi wħud minnhom kienu l-protagonisti tat-tiġrijiet akkaniti ta' qabel u wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Dawn huma biss siltiet meħudin minn dawn l-intervisti li jitkellmu speċifikament fuq ir-Regatta Nazzjonali, fejn f'xi wħud mill-intervistati għadha tinħass ħafna l-ispirtu parrokkjali li sa 50 sena ilu kien għadu jħeġġeġ fil-maġġoranza tan-nies li kienu jgħixu fil-bliet tal-Kottonera u madwar u ta' kull sena kienu jsegwu dawn it-tiġrijiet. Inkomplu b'siltiet oħra mill-intervista ta' Piju Grech mill-Isla:

*Veru li l-partitarji avversarji kienu jkunu armati għall-glied?*

Jien niftakar li kull tiġrija li kienet issir dejjem kienet tispiċċa bil-glied, u aktar mat-tiġrija tkun akkanita aktar il-glied kien ikun qalil, kemm fost l-ekwipaġġi kif ukoll fost il-partitarji avversarji – l-imsieken kienu dawk l-ispettaturi li kienu jkunu għal kwiethom isegwu r-Regatta u jinzertaw fil-qrib għax ġieli dabbru xi daqtejn għax jaħsbuhom partitarji.

Jien dejjem segwejt dawn it-tiġrijiet mill-Ponta ... dejjem bżajt li mmur nara r-Regatta mill-Belt, iżda niftakar li xi wħud minn sħabi kienu jmorru għax kienu jgħidu li jieħdu pjaċir bil-glied u jinqala' għalkemm ma kinux jidħlu fih ... insomma f'kelma waħda l-glied kien komuni f'dawn it-tiġrijiet, u ma nkunx qed nesaġera meta ngħid li fost il-partitarji ta' kull distrett li kienu jsegwu t-tiġrijiet minn fuq id-dgħajjes, kien hemm element minnhom li dejjem kienu jkunu lesti għall-glied.

Aħna wkoll kellna minnhom dawn in-nies il-Ponta, dejjem fis-sakra u l-pjaċir tagħhom jaqilgħu l-argumenti għal kull ħaġa ta' xejn ... iżda stenna ftit ... bħal tagħna kellhom Bormla, il-Birgu u agħar minn tagħna kienu l-Beltin li kienu jġibu ċorma rġiel li tibża tħares lejhom.

Tifhimnix ħażin, dawn kienu l-ftit – tagħna kienu jdejqu lil kulħadd. Il-parti kbira tal-barklori u l-partitarji akkaniti tal-Isla trabbew fi Strada Ponta jew fil-qrib - ħafna minnhom kienu nies tal-qalb u tar-rispett, u kien hemm minn fosthom li wliedhom kienu tal-iskola u għamlu unur lill-Isla.

*Liema tiġrijiet tiftakar?*

Niftakar it-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ gwerer ... kif għedtlek kienu tiġrijiet sbieħ u akkaniti ħafna ... anke dawk ta' wara l-gwerra kienu akkaniti, iżda l-Bojkott tal-1959 mill-Partit Laburista ta daqqa kbira lir-Regatta.

Fl-inkurunazzjoni tal-Bambina (1921) kelli 17-il sena, u għalhekk nista' nitkellem fuq dawk iż-żminijiet għax niftakru tajjeb.

Missieri, bħas-Sengleani ta' żmienu kien jgħid li l-akbar diżgrazzja u grazzja fl-istess ħin għas-Sengleani kienet li t-Tiġrija u l-festa tal-Bambina jaħbtu fl-istess Jum tat-8 ta' Settembru.

Il-lum, wara dawn is-snin kollha nirrealizza li missieri kien jgħid hekk aktarx biex jiċċajta, għaliex jien niftakru akkanit ħafna tal-festa u dilettant kbir tat-Tiġrija – sintendi bħalu kienu l-irġiel ta' żmienu u li bħalu trabbew fl-inħawi ta' San Filippu. Tinsiex ukoll li l-festa tal-Bambina hi l-aktar festa popolari fl-istaġun tas-sajf u l-aktar waħda li jagħmlu għaliha n-nies minn fost l-erba' festi li jsiru fl-istess jum.

Niftakar li minħabba l-ħruġ tal-Bambina huwa kien jitlef l-aħħar żewġ korsi, għax kien jitla' jiġri mill-Ponta, jinħasel, jilbes il-libsa tal-festa u jitlaq jiġri lejn il-knisja biex jilħaq il-ħruġ tal-Bambina li fi żmienu kienet ħafna isbaħ milli hi llum.

Hekk hi l-istorja, it-tiġrija ssir fil-Vitorja, jisimha għaliha, hija tagħna għax hi parti mill-istorja tagħna u lill-Isla tagħmlilha unur, u bla dubju ta' xejn unur akbar kull meta nirbħu l-paljijiet... mur ara kieku l-ġirien tagħna għandhom tiġrija tad-dgħajjes fil-festa tagħhom ... mur kellimhom ... dawk mhux bħalna, dawk kollox huma l-aqwa u l-aħjar ... aħna differenti, aħna naċċettaw li ħaddieħor jista' jkun daqsna, iżda aħjar minna qatt ... dik hi d-differenza ta' bejnietna! ...tagħna hi antika u għandha storja kbira warajha ...'

*Qegħdin nitkellmu dwar ir-Regatta Nazzjonali. Kemm kienet b'saħħitha fir-Regatta l-Isla qabel il-gwerra?*

Niftakar lil missieri jgħid li l-Isla kienet armata ħafna, iżda Marsamxett, skond hu, fi żmienu kien l-aqwa distrett, u Bormla kienet l-isfidant ewlieni, għalkemm kemm il-Beltin kif ukoll il-Bormliżi dejjem tħabtu ħafna biex jgħadduna.



Il-Ferilla Senglea "Ix-Xiħa" rebbieħa fl-1908 bl-ekwipaġġ iffurmat minn Ġużeppi Borg, Ġanni Camilleri, Ġanni Caruana u Pawlu Galea

Is-snin 20, jien niftakru tajjeb ... l-Isla kienet b'saħħitha ħafna fil-Ferilli u l-Kajjikki b'erbat Imqadef. Naħseb li jekk tkellem lin-"Niger" (Ġużeppi Formosa) dan jista' jagħtik aktar tagħrif dwar qabel din l-epoka li fuqha se nkellmek jien. Wieħed mill-aqwa Kajjikki li kellha l-Isla f'dak iż-żmien kien jismu San Filippu – kien rebaħ din it-tiġrija kemm-il darba.

Dan ma kienx l-uniku Kajjikk b'dan l-isem għax minn żmien għall-ieħor kien jinbena ieħor ġdid u jagħtuh l-istess isem. L-Isla kellhom ħafna Kajjikki msemmijin għall-qaddisin u għal Madonna, fosthom il-Portu Salvu (b'dan l-isem kellna oħrajn), San Mikiel, St Anthony, Sant' Anġlu u oħrajn bħal 'Flying Fish' u 'Flying Dutchman'...'

*Imma x'kienet ir-raġuni li ħafna mill-Kajjikki Twal li kellhom l-Isla kienu jissemmew San Filippu?*

"Għax in-nies tal-Isla kienu jħobbuh wisq lil San Filippu ... il-familji li jgħixu madwar il-knisja tal-Portu Salvu, dik il-knisja kbira li hemm qrib il-Gardjola, kellhom devozzjoni kbira lejn dan il-qaddies li kienu jqisuh bħala l-patrun tal-Ponta ... ħaġa ta' l-iskantament, kull Kajjikk li kien iġib dan l-isem dejjem ħareġ rebbieħ.

Imbagħad kellna wieħed li kien jissupera lill-oħrajn - l-uniku Kajjikk li kien iħabbatha miegħu kien 'San Pietru' ta' Bormla, għalkemm il-Birgu kellu Kajjikki ħfief fosthom San Lawrenz, iżda mhux daqs tagħna żgur – tagħna kienu l-aħjar.

Bormla bdew jirbħu dan il-palju meta aħna bdejna narmaw id-dgħajjes ta' bl-Erbgħa u tal-Midalji bil-qaddiefa li kienu jaqdfu fil-Kajjikki.

Kieku l-Kajjikki baqgħu bl-istess qaddiefa dan il-palju baqa' l-Isla matul is-snin 30 ukoll... iżda il-Kajjikk 'San Pietru' kien ħafif ħafna u l-Bormliżi kellhom team mill-aqwa, fosthom wieħed magħruf bħala ta' 'Bilonju'.

Kif għedtlek, f'din it-tiġrija kienu jieħdu sehem ħafna Kajjikki, ġieli tlieta u anke erbgħa mid-distretti tal-Kottonera. F'dak iż-żmien ma kinetx teżisti l-problema tal-qaddiefa bħalma għandna l-lum ... ma jidhrlix li kien jinqala' glied f'din il-korsa, iżda fil-Ferilli, f'Tal-Midalji u f'Ta' bl-Erbgħa ... iva ... u glied kbir...'

*Veru li t-Tiġrija tal-Ferilli kienet waqfet minħabba l-glied li kien jinqala' fiha jew kien hemm xi raġunijiet oħra?*

Le ... le mhux minħabba l-glied għax il-glied kien jinqala' tista' tgħid f'kull tiġrija.

Għedtlek li fi żmieni, it-tiġrija tal-Ferilli kienet l-aktar tiġrija akkanita ta' kull Regatta ... fiha kien jinqala' glied u l-pulizija kienet tarresta ħafna partitarji u wara ttellagħhom il-qorti.

U s-sena ta' wara l-istorja terġa' tirrepeti ruħha għax f'dan il-glied dejjem kienu jkunu involuti fih l-istess persuni. It-tiġrija tal-Ferilli kienet waqfet tort ta' Marsamxett.

Il-Beltin meta raw li ma jistgħu jagħmlu xejn magħna, bdew jipprotestaw mal-Kollettur tad-Dwana li l-Ferilli tagħna kienu eħfef minn tagħhom u għalhekk ma ridux igerru magħna. Middehra l-Kollettur tad-Dwana beża' li l-inkwiet ser ikompli jeskala f'tiġrijiet oħra u minn korsa waħda vvinta tnejn, b'tagħna jġerru weħidhom u Marsamxett iġerri weħidhom ukoll .... b'hekk spiċċat it-tiġrija tal-Ferilli – opra mill-isbaħ u qadima ħafna.

*Iżda mir-rekords jidher li Marsamxett kienu aħjar mil-Isla fil-Ferilli. Ma nistax nifhem kif int qed issostni li intom kontu aħjar minnhom meta kollox jindika li huma rebħu aktar paljijiet minnkom fil-Ferilli:*

Huwa veru li Marsamxett rebħu aktar paljijiet, hekk kont nismagħhom jgħidu, iżda naċċertak li fi żmieni ma rebħux il-paljijiet li qed tgħid int għax aħna konna ħafna aħjar minnhom.

Missieri, kif għedtlek, kien migńun wara r-Regatta u kien jinżel il-Ponta biex jara l-provi wkoll. Nisimgħu jgħid li qabel is-seklu ( hawnhekk qed jirreferi għal qabel is-seklu 20), il-Beltin kienu jirbħu tista' tgħid kull korsa, minbarra tal-Ferilli u tal-Kajjikki li konna nirbħuhom aħna.

Peress li kif għedt qabel f'din il-korsa kien jinqala' ħafna glied, l-Isla kienet tieħu sehem bi tliet Ferilli, b'qaddiefa qishom paladini, fejn it-tlieta kienu jirreġistraw biex igerru, iżda fil-fatt waħda biss kienet tkun armata għat-tiġrija filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu jkunu armati għall-glied.

Tifhimiex ħażin. Ma kinux imorru biex jaqilgħu l-inkwiet, iżda f'każ li jinqala' l-glied matul il-korsa, huma kienu jkunu hemm biex jiddefendu lil sħabhom. Ma nafx fejn dan l-aħħar rajt ritratt tal-Ferilla x-Xiħa li rebħet il-palju fl-1908, bil-qaddiefa Ganni Caruana (il-'Bubbli' John) Karmenu Galea (ħu Karmnu Galea li kienu jsibuh bħala tal-'Mammalokk'), Ganni Borg u Ġużeppi Camilleri.

Ma nafx jekk Borg u Camilleri baqgħux jieħdu sehem fir-Regatta wara din ir-rebħa kbira.